MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 611/2004

Vincent Zammit
vs
Bortex Clothing Industry Company Ltd

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u wiehed (2001), waqt li l-attur kien qieghed fuq xogholu mas-socjeta` konvenuta gewwa l-fabbrika taghha, huwa gie ordnat sabiex jerfa' u jgorr kaxex kbar u tqal fil-piz u b'rizultat ta' hekk huwa safa korrut;

Illi b'konsegwenza ta' l-incident imsemmi l-attur kellu jaghmel interventi kirurgici minhabba l-persistenza ta' l-ugiegh f'dahru u f'saqajh;

Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta;

Illi l-attur sofra danni ingenti konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*;

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-tmienja u ghxorin (28) ta' April elfejn u tlieta (2003), sabiex tghaddi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqghet inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident ta' l-1 ta' Novembru 2001, fuq premess, fejn korra l-attur sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta;

2. Tillikwida, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-attur kawza ta' l-imsemmi incident;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2003 u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-

incident *de quo* u kwalunkwe` dizabilita` jew lamentata mill-attur, bl-ebda mod ma jistghu qatt jitqiesu bhala b'xi mod attribwibbli ghal xi negligenza, taskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta, izda sehhew unikament bhala rizultat ta' kundizzjoni medika antecedenti ta' l-attur, indipendenti, u effettivament kagunanti, l-incident in kwistjoni, u cioe` digenerazzjoni ortopedika progressiva illi, ghalkemm sfortunata ghall-attur, bl-ebda mod ma' tista' legalment tigi attribwita lis-socjeta` konvenuta.

2. Illi jsegwi ghalhekk illi ma hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

3. Illi jsegwi ghalhekk ulterjorment illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha tigi ikkundannata li thallas l-ebda danni, u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

4. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, u minghajr ebda ammissjoni ta' responsabilita`, in vista tal-fatt illi l-attur effettivament kellu incident waqt illi kien fuq il-post tax-xoghol, skond it-termini ta' l-Att dwar Kundizzjonijiet ghall-Impieg, is-socjeta` konvenuta kienet kostretta, u effettivament hallset, lill-attur il-paga shiha u beneficcji ohra relatati ghal perijodu ta' sena wara l-incident, liema pagamenti ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni u jigu debitament imnaqqsa, f'kaz illi jigi kunsidrat illi xi pagament huwa dovut lill-attur kif minnu reklamat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat ic-certifikat [datat 31 ta’ Jannar 2003] rilaxxat minn Mr. Carmel Sciberras dwar l-attur li fih isemmi l-interventi li sarulu u dak li gralu u wara li ghamel analisi wasal ghall-konkluzjoni li l-attur sofra 20% disabilita`.

Rat ir-rapport tas-26 ta’ Awissu 2003 rilaxxat minn Mr. Zammit Maempel fejn isemmi kif allegatament wegga’ l-attur u x’operazzjoni ghamel. Isemmi wkoll li l-attur xi 20 sena qabel kien bata minn *low back ache* ghalkemm din kienet *subsided with rest and medication*. Ghamel referenza ghar-rapport l-iehor tas-6 ta’ Lulju 2002. Isemmi li *clinical examination reveals multiple findings which do not follow known anatomical patterns and are consistent with a large subjective contribution*. Jirrizulta *that all is not well with Mr. Zammit’s back* pero` ma jistax jaghmel xoghol ta’ *lifting* u *repeated bending* u ghandu dizabilita` ta’ 20%. Mir-*records* ta’ l-isptar jirrizultaw 2 vizti ghal *back ache* qabel Novembru 2001 u cioe` f’Settembru 1982 wara incident tat-traffiku u iehor Jannar 1994. Dan l-incident *stirred up a recurrence of symptoms*, u jikkonkludi li *it is my contention therefore that his back was not a healthy, normal back before November 2001, and part of his permanent disability, which I rate at 5% is ascribed to this.*

*In conclusion, Mr. Zammit suffered a permanent disability estimated at fifteen per cent (15%) as a result of the incident of November 2001.*

Rat l-affidavit ta’ <u>Vincent Zammit</u> fejn issemma li hu kien ilu jahdem mal-kumpanija Bortex Co. Ltd. mill-1999 fejn kien itterminat sena u xahar wara u kien jahdem bhala *cutter*. Semma li x-xoghol ta’ *cutter* jinvolvi tqandil kif ukoll xoghol bil-wieqfa u hafna strapazz fosthom ta’ *‘laying’*. Illi xi xhur qabel ma gara l-incident, kienu baghtuh xi tlett ijiem jew erba’ fil-gimgha jhott xi kaxxi li kienu jaslu minn Tunez li kien ikollhom 25 glekk go fihom. Illi dakinhar ta’ l-

incident dawn il-kaxxi kellhom ukoll barra li semma, minn zewg sa sitt rollijiet ta' *anti slip* ta' mitt metru 'il wiehed. Illi dakinhar waqt li hu kien qed jigbed il-kaxxi biex johrog l-*anti slip*, u waqt li kien qieghed kokka jigbed kaxxa minn ma' l-ohra faqqa dahru ghal darbtejn. Qal li l-kaxxi kienu kollha goffi u barra minn hekk ippustjati kollha fuq xulxin li jaslu gieli sa ghaxar *rows*. Qal illi dawn il-kaxxi kienu tqal ezagerati u ghalhekk ix-xoghol kien jinvolvi strapazz u skumdita` mhux hazin. Illi dakinhar li gara l-incident hu kien qed jerfa' wahdu pero` vicin kien hemm il-*controller* li kien qed jiccekkja xi glekkijiet. Illi hu dak il-hin stess avza lill-*controller* li wegga' dahru u li kien mugugh. Mar l-isptar u dam xi hmistax-il gurnata fejn kien jezaminah Dr. Zrinzo u hu stess baqghtu *St. James Clinic* biex ma jdumx jistenna biex jaghmel EMG. Illi x'hin kellu r-rizultat f'idu, Dr. Zrinzo kien ordnalu b'emergenza sabiex jidhol l-isptar biex joperah. Qal li din l-operazzjoni ma rnexxietx. Illi sallum il-gurnata hu ghadu ghaddej b'diversi vizti gewwa l-isptar u anke testijiet. Qal ukoll li barra l-vizti li semma, ghandu jidhol id-*day care unit* ghall-operazzjonijiet li b'kollox s'issa ghamel xi sitta.

Xehed <u>Vincent Zammit</u> in kontro ezami u qal li hu beda jbati minn ugieh f'dahru fl-1 ta' Novembru 2001. Gie mistoqsi jekk qabel l-incident hu qattx wegga' dahru u qal li dik il-gravita` ta' ugiegh qatt ma hassha qabel, qal li xi weggha li tghaddi gieli kellu. Zied li dan ma kienx ix-xoghol propju tieghu. Wara l-incident qatt ma dahal lura ghax-xoghol. Kellu 49 sena meta sofra l-incident.

Xehed <u>Angelo Magro</u>, Production Manager fil-kumpanija Bortex u semma li minn mindu kien fethu l-fabbrika gewwa Tunez kien jasal xoghol f'Malta gewwa kaxxi u ghalhekk kien hemm bzonn li dawn il-kaxxi jingarru regolarment u s-Sur Zammit kien jahdem f'dan ir-rigward. Hu spjega li l-kaxxi kienu mit-*truck* jidhlu mill-ewwel fil-fabbrika, imbaghad jinfethu l-kaxxi biex il-glekkijiet jitpoggew fuq spallieri, u Vincent Zammit kien jaghmel proprju dan ix-xoghol. Hu qal li Vincent Zammit kien jidhol fil-process fil-fazi li jiftah il-kaxxi u jdendel il-glekkijiet. In ri-ezami gie mistoqsi jekk il-haddiema bhas-Sur Zammit kienx responsabbli hu ghalihom, allura kif ma kienx jiftakar

li s-Sur Zammit kellu incident u hu qal li kien jiehdu hsieb is-*site* tal-Marsa u ta' Bulebel u li kellu hafna nies tahtu. Spjega li dak iz-zmien kellhom il-fabbrika ta' Tunez ukoll u kien jikkordina x-xoghol ta' hemmekk ukoll.

Rat ix-xhieda tal-Profs. Carmel Sciberras fejn gie riferut ghar-rapport li ghamel hu dwar l-attur Vincent Zammit li qieghed esebit a fol 5 sa 9 tal-process u ikkonferma li dan ir-rapport ghamlu hu.

Rat l-affidavit ta' Nadia Borg, *Human Resources Manager* ma' Bortex Clothing Industries Limited u qalet li skond ir-*records* tal-kumapnija, is-Sur Vinvent Zammit halla l-post tax-xoghol nhar l-1 ta' Novembru 2001, ftit wara t-8:00 a.m., ghaliex kien wegga'. Is-Sur Zammit kien gie ezaminat mit-tabib tal-kumpanija dakinhar illi wegga', u dan irreferieh l-isptar, fejn dam sal-15 ta' Novembru 2001. Skond ir-*records* tal-kumpanija, is-Sur Zammit ibbenifika minn *injury leave* imhallas ghall-perijodu massimu ta' sena, ossia mill-1 ta' Novembru 2001 sal-1 ta' Novembru 2002. Barra minn hekk, is-Sur Zammit thallas gimghatejn zejda *injury leave*, abbazi tal-*Collective Agreement* bejn il-*management* tal-kumpanija u l-*Union.* Specifikament, dawn il-gimghatejn jirreferu ghad-dati bejn l-4 ta' Novembru 2002 u l-17 ta' Novembru 2002. Oltre dan, is-Sur Zammit ibbenefika mill-hlas ekwivalenti ghall-*entitlement* tieghu ta' *sick leave* in generali. Effettivament, l-ammont *gross* illi rcieva s-Sur Zammit minn meta wegga' f'Novembru tal-2001 kien ta' Lm3,946.48c.

Xehdet Nadia Borg u semmiet li tiftakar li s-Sur Zammit kellu *injury* fuq il-post tax-xoghol fis-sena 2001. Hi wara kellmet lis-Sur Zammit u jekk tiftakar sew qalet li hu qalilha li ipprova jissaporti l-ugiegh u jkompli b'xogholu izda ma rnexxilux u wara mar id-dar. Qalet li hi kienet stazzjonata l-Marsa u l-incident jidher li sehh Bulebel. Qalet li bhala procedura t-tabib tax-xoghol dejjem jezamina lill-persuna meta jsir incident. Giet mistoqsija jekk il-kumpanija toffrix xi makkinarji biex isir it-tqnadil tal-kaxxi u qalet li certu sezzjonijiet kien hemm il-*forklifters*, izda ma jidhrilix li dawn kienu jintuzaw fis-sezzjoni li kien qed jahdem fiha s-Sur Zammit.

Rat l-affidavit ta' <u>David Scicluna</u> fejn issemma li hu ilu jahdem mal-kumpanija Bortex Clothing Company Limited ghal 34 sena shah u jaghmel xoghol ta' *cutter*. Qal li hu kien jiftakar lil Vincent Zammit mill-bidu ta' l-impjieg tieghu u allura jafu sew. Qal li hu dejjem hadem ta' *cutter* mieghu daqqa l-Marsa u daqqa Bulebel. Illi hu jiftakar li x-xoghol li kien jaghmel l-attur kien jikkonsisti f'hafna tqandil. Il-process tax-xoghol tieghu kien jinvolvi '*laying*' jigifieri kien ikun hemm pezez tad-drapp jew *lining* u l-attur kien jiehu hsieb jigbed l-istess pezez u jitfaghhom f'banju kbir li jkun hdejh ghal dan. Wara li jimtela l-banju l-attur kien jiehu hsieb li jifrex l-istess drapp. L-istess process kien jintuza sakemm jinhelsu l-pezez kollha. Gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attur f'siegha kien jaghmel madwar seba' pezez ta' kulur blu u meta kien ikollu bzonn pezez kulur differenti, kien jirrombla l-kulur ta' qabel u jerga' jibda l-istess process ghall-kulur il-gdid. Illi hu lill-attur jafu bhala haddiem b'sahhtu u qal li dan ix-xoghol kien jirrikjedi hafna tqandil u attenzjoni min-naha tieghu. Ikkonferma li l-attur kien ikun jahdem ghal hinijiet twal gewwa l-*cutting room* u ta' min jghid li t-toqol li jinvolvu dawn il-pezez tad-drapp mhux facli. Illi ta' min jghid li l-attur kien jaghmel dan it-tip ta' xoghol minghajr ebda makkinarju li jiffacilita' l-process kollu u huwa proprju ghalhekk li dan ix-xoghol kien jinvolvi hafna toqol. Dan ix-xoghol hu kien jaghmlu ghal zmien twil ukoll.

Rat id-digriet tat-12 ta' Jannar, 2005 li permezz tieghu gie nominat Mr. Charles Grixti bhala espert mediku.

Rat ir-rapport mediku ta' <u>Mr. Charles Grixti</u> li fih ikkonkluda:

**"<u>KONKLUZJONI:</u>**

Vincent Zammit skossa dahru waqt illi kien qieghed jigbed kaxxa fil-process ta' hatt fl-1 ta' Novembru 2001.

Wiehed irid jikkonsidra li bl-isforz tal-gbid hariglu d-disk bejn it-tielet u r-raba' rukell lumbari, u ta' inqas gravita` dak tar-raba' u l-hames rukell lumbari.

Wiehed jrid jikkonsidra li Zammit kellu bzonn zewg operazjonijiet u wiehed irid jikkunsira l-fatt ukoll illi fil-passat kellu problemi b'dahru, forsi mhux gravi daqs dak

prezenti. Jibqa' l-fatt illi fiz-zmien ta' l-accident Zammit ma' kienx qieghed jaghtih problemi.
Ghalkemm Zammit jinsab hafna ahjar wara t-tieni operazzjoni li ghamel ghad ghandu sinjali ta' irritazzjoni tan-nervituri lumbari fis-sieq ix-xellugija.
Zammit xorta wahda jrid jiehu hsieb dahru u la jista' jitbaxxa u lanqas jixxabbat ghal affarijiet u lanqas ma jista' joqghod bil-qieghda mzerzaq l-isfel u b'daharu mghawweg.
Zammit certament ma jistax jinvolvi ruhu f'xoghol manwali. Minhabba dan jiena nistma d-dizabilita` li qed isofri Zammit kagun ta' l-accident li kellu fl-1 ta' Novembru 2001 ta' hmistax fil-mija (15%)."

Xehed <u>il-Prof. Charles Grixti</u> u qal li l-kundizzjoni ta' Vincent Zammit hija irritazzjoni tan-*new lumbar* tax-xellug u aggravazzjoni tal-problema tad-*disk* ta' dahru li diga kellu. Il-problema li diga kellu hu li d-*disk* jiddegenera bl-uzu jew b'xi forma ta' strapazz. Din il-kundizzjoni kienet ilha tezisti minn Jannar 1994, meta gie l-ewwel darba investigat b'ugigh f'dahru. Huwa possibbli li din il-kundizzjoni tkun ilha tezisti izda ma thossx ugigh. Kwalunkwe moviment li taghmel il-persuna li jzid pressjoni fuq id-*disk* tista' tohrog u taggrava l-problema medika. Zammit ha skoss f'dahru waqt li kien qed jigbed kaxxa u fil-metodu l-process biex jigbed il-kaxxa jaggrava l-kundizzjoni tad-*disk*. Jigifieri l-metodu kif ser titbaxxa u l-piz ta' l-oggett jaggravaw il-kundizzjoni. Qal li hu ta hafna piz ghall-fatt li diga kien ibati minn kundizzjoni fid-*disk* sabiex hareg il-persentagg tad-dizabilita`. Kieku l-grad ta' dizabilita` kien ikun iktar gholi. In-nerv migbud huwa effett kemm tad-degenerazzjoni tad-*disk* jew ta' *disk* li jipprolassa. In kontro ezami qal li fiz-zmien li ezamina lil Zammit dan kien frott ta' l-incident izda dan seta' jikkonkludieh biss mill-istorja li tah il-pazjent peress li qatt ma rah qabel. Hu ezaminah fis-7 ta' Frar 2005. Ir-rapport jibbazah normalment fuq l-istorja, l-*x-rays* u l-ezaminarju tieghu. Jaqbel li l-15% dizabilita` hija marbuta solament mal-incident u ikkunsidra il-problema li kellu. Ha in konsiderazzjoni wkoll li fil-futur seta' jkollu riperkussjonijiet, izda l-fatt li kien hemm aggravazzjoni

mill-incident, dan huwa iktar probabbli li jkollu riperkussjonijiet.

Xehed Adrian Attard, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u esebixxa prospett Dok AA1 fejn indika l-hlasijiet kollha li saru lil Vincent Zammit min-Novembru 2001. Fil-prezent is-Sur Zammit qieghed jithallas *invalidity pension* bir-rata ta' Lm48.46 fil-gimgha u maghhom *additional bonus* ta' Lm1.34 fil-gimgha u *end of year bonus* ta' Lm2.23 fil-gimgha. Spjega li dan l-ahhar *bonus* jithallas f'zewg *instalments*, wiehed f'Gunju u iehor f'Dicembru u jsiru zewg pagamenti ta' Lm58 il-wiehed. Spjega li l-attur beda jiehu l-*invalidity pension* fl-4 ta' Jannar 2003. Spjega li f'Dicembru ta' l-2008 it-tobba kienu ser jergghu jaraw lil Zammit u jergghu jassessjaw id-dizabilita` tieghu. Mis-7 ta' Novembru 2001 beda jiehu l-*injury pension* u mit-2 ta' Novembru 2002 l-*injury benefit* inqaleb ghal *sickness benefit* u mill-4 ta' Jannar 2003 beda jiehu l-*invalidity pension* u ghadu jiehu din sal-lum.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din il-kawza giet istitwita minhabba incident li fih l-attur, waqt li kien impjegat bhala *cutter* mal-kumpanija Bortex Clothing Industry Co. Ltd. kien qed jahdem fil-fabbrika, u beda jgorr kaxex kbar u tqal, meta safa korrut. Illi gie eccepit li l-incident u d-dizabilita` sofferta mill-attur ma tistax tigi attribwita ghal xi negligenza jew traskuragni tas-socjeta` konvenuta, u li ghalhekk m'hemmx danni li ghandhom jigu likwidati.

Mill-provi jirrizulta li x-xoghol proprju ta' l-attur kien ta' *cutter*, izda meta ma kienx ikun hemm xoghol ghalih bhala *cutter*, kien jitqabbad jerfa' kaxex ta' piz sostanzjali, li kienu jigu minn barra minn Malta, imbaghad l-attur ried inizzel kaxxa kaxxa, u wara dawn il-kaxex jinfethu biex il-glekkijiet jitpoggew fuq l-ispallieri. Angelo Magro, il-*Production Manager*, ikkonferma li fil-fatt, l-attur kien jahdem f'dan ir-rigward. Irrizulta, li meta l-attur kien qed jigbed wahda minn dawn il-kaxex, hass ugigh f'dahru, kellu jieqaf u ma setax ikompli jahdem.

***D1. Responsabbilta`:***

Il-Qrati taghna dejjem zammew li jezistu tliet elementi biex tirnexxi azzjoni ghal danni.
1 – Il-fatt dannuz illecitu
2 – L-imputabilita` ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu
3 – Id-dannu kagjunat minn dan l-istess fatt hu doluz jew li jwassal ghal *culpa* da parti ta' min ikun ghamlu
**Agius vs Busuttil**, Qorti ta' l-Appell, 14/12/1982 fejn min jinstab responsabbli ghal danni jkollu konnessjoni logika ta' kawza u effett.

L-awtur Taljan Torrente jiddefinixxi l-*culpa* bhala:
**un' evento si dice colposo quando no e' stato intenzjonalmente procurato ma si e' verificato a causa di negligenza, imprudenza o imperizia, ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline.**

***<u>D2. Safe system of work:</u>***
Minn dak imsemmi hawn fuq jemergi car li min ihaddem ghandu dejjem juza d-diligenza ta' *bonus pater familias* inkluz li ghalhekk jipprovdi *a safe system of work* ghax altrimenti jkun responsabbli ghal eventwali danni. Huwa certament responsabbli ghal danni min jimpjega b'mod li:
1. Ix-xoghol kien jinvolvi riskju ta' korriment li seta' jkun ragjonevolment previst,
2. Ir-riskju kien il-kawza tal-korriment,
3. Tali riskju seta' gie evitat.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza taghha kif presjeduta moghtija fid-19 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet **Armando Caruana vs Filomeno Pace noe** fejn inghad:
"Certament jinkombi fuq l-*employer* li jipprovdi *a safe system of work* ghall-impjegati tieghu, kemm jekk ix-xoghol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-haddiema jintbaghatu jahdmu barra mill-fabbrika. Xoghol barra mill-fabbrika xorta wahda ghandu jkun *safe system of work* u dan japplika mill-bidu nett sal-ahhar nett li jkun qieghed isir ix-xoghol. Huwa d-dover ta' min ihaddem li qabel ma jibghat il-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma *safe* u minghajr riskji ghall-haddiema tieghu. Ghalhekk huwa d-dover ta' min ihaddem li jispezzjona l-post tax-xoghol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu ghall-haddiema. Taht kull

cirkostanzi l-haddiem m'ghandux jigi mqieghed fil-periklu bla bzonn."

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Bugeja vs Montanaro Gauci**, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:
"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-*employer* li jipprovdi '*a safe place of work*'"

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta**, deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:
"qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed *safe*"."

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' April 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:
"Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni ("Agius vs All Services Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien ***safe*****,** izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-appart kollu fornit lilhom."

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Attard***,* deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:
"min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm *available* apparat ta` *safety*, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita."

Fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Scicluna vs C. Cini & Sons Limited**, deciza fis-27 ta' Lulju 2006, Imhallef Dr. Tonio Mallia, il-Qorti ccitat l-awtur Whincup mill-ktieb *Modern*

*Employment Law* li jelenka erba' principji bazici. Dawn huma:

i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers,*

ii. *the employer must ensure that the employee konws the precautions to be taken against these dangers,*

iii. *the employer must ensure that the precautions are available,*

*iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

F'dan l-istadju l-Qorti qed tirreferi ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi fit-13 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet **Anna Micallef et vs Allchem Limited et** u tikkwota parti mis-sentenza taghha fejn ghamlet referenza ghal diversi sentenzi.

"Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **D'Anastasi vs Enemalta Corporation** deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet:

Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.

Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.

Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Schembri vs Caruana nomine** deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, ***employer*** illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan l-***employer*** (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta' kuljum.

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003 min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiem (ara **Bugeja vs Falzon** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u **Desira vs Grech and Co. Ltd.** deciza fit-30 ta' Mejju, 2002)."

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-principji li jirregolaw ir-responsabbilta` ta' sid ta' intrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma ben stabbili fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ingliza **Wilsons & Clyde Coql Co. vs English,** House of Lords, 1937, Lord Maughaw osserva:
"In the case of employments involving risk….it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first to provide and maintain proper machinery, plant, appliances and works, secondly, to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly, to provide a proper system of working."

Fil-kawza **Grech vs Ellul,** Prim'Awla deciza fis-27 ta' Gunju 1996, inghad:
"It's the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumtances at their place of work." (Ara **Carmel Grima et vs Carmelo Penza noe.** Prim' Awla Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004).

Ta' min isemmi wkoll li l-Qrati taghna f'diversi okkazjonijiet irretenew li min jimpjega ghandu l-obbligu li jipprovdi "*a safe place of work*". Fil-kawza, fl-ismijiet **John Sultana vs Francis Spiteri et noe** deciza fit-28 ta' Mejju 1979, il-Qorti tal-Kummerc spjegat illi min ihaddem ghandu "d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem". L-obbligazzjonijiet principali ta' min ihaddem huma mhux biss li jipprovdu "*safe tools*" u "*a safe system of work*", imma xejn anqas minn "*a safe place of work*." Dan il-principju gie ribadit diversi drabi mill-Qrati taghna bhal per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe** (Appell 7 ta' Dicembru

1994). **Joseph Bugeja vs Anthony Falzon,** (Prim'Awla 30 ta' April 1997, **Keith Caruana vs Joseph Paris et noe** (Prim'Awla 12 ta' Frar 1999) **Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited,** (Prim'Awla 25 ta' Jannar 2000) u **Carmel Cini vs Caccopardo nomine** Prim'Awla 5 ta' Ottubru 1999). (Ara wkoll **Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe** Prim'Awla Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001).

Hawnhekk, ta' min jikkwota lil **Goddard L.J. to be:**
"not merely to warn against unusual dangers known to them….but also to make the place of employment ….as safe as the exercise of reasonable care would permit."
"The duty is owed to each individual servant individually." (p.1035).

Charlesworth ighid ukoll (ibid. para, 1032):
In **Wilsons &Clyde Coal Ltd vs English** the general nature of the duty owed by the master to a servant was described by Lord Wright as follows:
"I think the whole course of authority consistently recogniizes a duty which rests on the employer and which is personal to the employer, to take reasonable care for the safety of his workmen, whether the employer be an individual, a firm or a company, and whether or not the employee takes any share in the conduct of the operations."
(Ara wkoll **Lawrence Caruana vs Karmenu Penza noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2003).

Fil-gurisprudenza nostrana, gie ritenut kemm-il darba li huwa l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu. Fi **Schembri vs Caruana noe**, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 1983, inghad:
"wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, l-hinijiet twal, l-ghagla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati bie xjahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol; danw huma kollha fatturi li min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u

johloq dak li komunament hu msejjah " a safe system of work."

Inoltre`, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu, **Cini vs Wells noe**, Prim'Awla Qorti Civili deciza fid-29 ta' Mejju 2001. (Ara wkoll **Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons Marketing Limited** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003).

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-attur kien qed jerfa' dawn il-kaxxi wahdu, meta jista' jkun li jekk kien hemm ghall-anqas impjegat iehor qed ighin lill-attur, il-periklu tar-riskju seta' gie ridott b'mod konsiderevoli. Illi fil-fatt, l-attur stess qal li "dakinhar li gara l-incident kien qed jerfa' wahdu, pero` vicin hdejh kien hemm il-controller li kien qed jiccekja xi glekkijiet" (fol 70). Ghalhekk jigi dedott li ma kien hemm l-ebda *safety officer* jew persuna ohra tassistiti lill-attur. Inoltre l-kumpanija fis-sezzjoni ta' rfiegh ta' kaxxi fejn kien qed jahdem l-attur ma offrietx makkinarju ghat-tqandil. Hekk kif ikkonfermat Nadia Borg, "certi sezzjonijiet kien hemm il-*forklifters* izda ma jidhirlix li kien hemm dawn il-*forklifters* qed jintuzaw fis-sezzjoni fejn kien qed jahdem is-sur Zammit (fol 86). Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-incident sehh ghaliex kien hemm riskju intrinsiku li seta' jigri l-incident u korriment simili, u dan minahbba li l-*employer* naqas li jipprovdi "*a safe place of work*."

Illi fil-kaz in ezami, l-attur effettivament korra billi skossja dahru waqt li kien qed iqandel wahda minn dawn il-kaxxi. Hawnhekk, ta' min isemmi, li dan fi ftit kliem, jista' jitqies li huwa effett ta' "*occupational hazard*." L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **John Barbara vs Albert Mizzi noe** deciza fis-7 ta' ottubru 2005, fejn persuna kien skossja dahru waqt li kien qed jesegwixxi operazzjoni fl-industrija tal-linja tal-ajru, dahlet f'dan il-kuncett u irriteniet hekk:

"Din il-Qorti thoss li l-kwistjoni ghandha tigi ezaminata aktar fil-fond, billi l-kuncett ta' bonus pater familias li

ghandu jirregola l-obbligi reciproci fi proceduri naxxenti minn "culpa aquiliana" u "ex contractu", certament isib applikazzjoni f'kazi simili."

Illi f'dan l-istess kaz, saret referenza wkoll ghall-Artikolu 1032 tal-Kap 16 li jiddisponi:
"Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu, ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja." It-test, ghalhekk, ikun dak ta' bonus pater familias.

Hawnhekk, ta' min ighid ukoll, li hija relevanti hafna ghall-kaz odjern, ix-xhieda tal-Profs. Charles Grixti li qal li ghalhekk, l-attur kellu kundizzjoni li kien ilha tezisti mill-1994, fiz-zmien li ezamina lill-attur:
"dan kien frott tal-incident izda dan nista' nikkonkludieh biss mill-istorja li tani l-pazjent stess li qatt ma rajtu qabel….Ir-rapport nibbazah normalment fuq l-istorja , l-x-rays u l-ezaminarju tieghu. Naqbel li l-15% dizabilita` hija marbuta solament mal-incident, u kkunsidrajt il-problema li kellu. Hadt in konsiderazzjoni wkoll, li fil-futur, jista' jkollu riperkussjonijiet, izda l-fatt li kien hemm aggravazzjoni mill-incident, dan huwa aktar probabbli li jkollu riperkussjonijiet." (fol 138).

***<u>D3. Lucrum cessans:</u>***
L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:
"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta'qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza tal-eghmil dirett tad-danneggjant.

Minn dokument esebit a fol 20 tal-process jirrizulta li fid-data ta' l-incident il-*gross pay* ta' l-attur kienet Lm3946.48, ossija €9192.83.

***D4. Multiplier:***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005. fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:

"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi

applikat ghal fini tal-‘multiplier’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘Buttler vs Heard’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘lucrum cessans’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena

**Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` ta’ l-attur meta sar l-incident – 49 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta’ 10 ghall-kaz in ezami.

***<u>D5. Paga u gholi tal-hajja:</u>***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attur li kien qieghed jaqla’ salarju *gross average* ta’ €9192.83 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’€4.66 fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b’€242.32 ghal 10 snin [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (€9192.83) u dak ta’ l-ahhar salarju fil-futur (€2423.20 + €9192.83 = €11616.03) ossia €9192.83 + €11616.03 /2 = €10404.43]. Dan oltre l-awment ta’ l-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***<u>D6. Dizabilita`:</u>***

Fir-rapport mediku tal-Professur Charles Grixti jirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta’ l-attur hija ta’ 15%, u dan wara li ha in konsiderazzjoni l-istorja, l-*x-rays* u l-ezaminarju tieghu, kif ukoll ittiehdet in konsiderazzjoni l-problema li kellu l-attur precedetement ghall-incident soffert fuq il-lant tax-xoghol. Ta’ min ighid li fil-kors ta’ din il-kawza qamet il-kwistjoni dwar jekk l-attur kienx gja jbati minn ugigh f’daru qabel l-incident *de quo*. Mr. Sciberras kien ghamel

l-istima ta' dizabilita` fuq 20%, izda ma jidhirx li kien ha in konsiderazzjoni l-fatt li l-attur kien gja jbati mid-dizabilita`. Mr. Zammit Mempel kien qies dan il-fattur u kien ikkonkluda li l-*permanent disability* ta' l-attur bhala rizultat ta' l-incident ta' Novembru 2001 bhala 15%. Mr. Grixti asserixxa li d-dizabilita` ta' l-attur dovuta ghall-incident kienet wahda ta' 15% u dan meta tqis biss l-effetti ta' l-incident ta' Novembru 2001. Ghalhekk, il-Qorti sejra toqghod fuq il-bazi ta' 15% bhala dizabilita`.

***<u>D7. Lump Sum Payment:</u>***
L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkun ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-Qorti sejra taghmel tnaqqis ta' 10%. Ara **Annunziata Caruana vs Odette Camilleri**, Prim'Awla, deciza 27/02/04 (Cit. Nru. 413/96), u **Aldo Spiteri vs Michael Zammit Tabone**, deciza 16/03/99, Prim'Awla (Cit. Nru. 556/90GCD).

***D8. Kunsiderazzjonijiet ohra:***
Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***D9. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans :***
Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali ta' l-attur inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal €10404.43;
II. Irid jitqies ***multiplier*** ta' 10. Dan igib l-ammont ta' €104044.30;
III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 15% u ghalhekk jitnaqqas ghal €15606.64;
IV. wara jrid jitnaqqas 10% tal-***lump sum payment*** u dan iwassal ghal €14045.98;
V. Wiehed irid inaqqas 10% ta' dan ghax ta' sena minnhom l-attur gja thallas mis-socjeta` konvenuta. Ghalhekk l-ammont irid ikun ta' €12641.38.

***D10. Damnum emergens:***
Gew esebiti d-dokumenti VZ6 sa VZ11 riferibbli ghal xiri ta' medicini fl-ammont ta' €993.41, vizti ta' tobba €34.94, *lab investigation* €48.92, klinika St. James €186.35, saqqu €128.12, Glamour Productions €55.67, b'total ta' €1447.41. Dan l-ammont jidher kredibbli u gustifikabbli u gew esebiti anke r-ricevuti relattivi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni li l-incident mhux attribwibbli ghal negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta.

Konsegwentement tichad it-tieni eccezzjoni li ma hemm ebda danni dovuti.

Ukoll tichad it-tielet eccezzjoni li m'ghandux ikun hemm kundanna ghal hlas ta' danni.

Tichad ir-raba' eccezzjoni li l-attur gie mhallas tal-beneficcji li seta' kien intitolat ghalihom.

Tiddikjara l-incident ta’ l-1 ta’ Novembru 2001 sehh b’negligenza tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta.

Tillikwida d-danni fl-ammonti ta’ €14088.79 (€1447041 + €12641.38).

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta’ €14088.79, bl-imghaxijiet mil-lum.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------